

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7449 — SNCF Mobilités/Eurostar International Limited)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2015/C 99/11)

1. Fid-19 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolamanet tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾, li permezz tagħha l-impriża SNCF Mobilités, ikkontrollata mis-Société Nationale des Chemins de fer Français ("SNCF", Franza) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Eurostar International Limited kollha kemm hi ("EIL", ir-Renju Unit), intrapriża komuni li ilha mill-2010 kkontrollata b'mod konġunt mill-Gvern Ingliż u minn SNCF, fuq il-bażi ta' ftehim ġdid tal-azzjonarji.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- SNCF Mobilités: sfruttament tas-servizzi tat-trasport ferrovarju tal-persuni fin-netwerk ferrovarju Franċiż u servizzi oħra tat-trasport ferrovarju inklużi dawk internazzjonali,
- EIL: il-forniment ta' servizzi tat-trasport ferrovarju internazzjonali ta' vjaġġaturi b'veloċità għolja bejn ir-Renju Unit, Franza u l-Belġju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, madankollu d-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara din id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301) jew permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7449 — SNCF Mobilités/Eurostar International Limited, f'dan l-indirizz:

Commission Européenne
Direction générale de la concurrence
Greffé des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").